# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 124/2018/1 FDP**

**Martha Grixti, Pauline mart Louis Ferrante, Antonia *sive* Tanya mart Salvino Farrugia, Maria Theresa *sive* Marisa mart Martin Xuereb, Salvatore *sive* Saviour Grixti, Norbert Grixti u Neville Grixti**

***v.***

**Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat, u Emanuel u Rita konjuġi Muscat**

1. Dan huwa appell tal-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija fil-21 ta' Jannar 2021 mill-Prim'Awla tal-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali li sabet illi l-art. 12(2) tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar ["Kap. 158"] jikser id-dritt tal-atturi għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom imħares taħt

l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u bħala rimedju għal dan il-ksur ikkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas danni pekunjarji u non-pekunjarji ta' sittin elf euro (€60,000). Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'kuntratt tad-19 ta' Ottubru 1973 fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela l-awturi tal-atturi kienu taw immobbli fir-Rabat, Malta, b'enfitewsi għal sbatax-il sena lill-konvenuti Muscat. Meta għalaq iċ-ċens fl-1 ta' Novembru 1990 il-konvenuti Muscat baqgħu jżommu l-fond b'titolu ta' kera bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 158. Imbagħad, b'kitba tad-9 ta' Settembru 2010 l-atturi u l-konvenuti Muscat kienu irregolaw il-kondizzjonijiet ta' din il-kirja, fosthom illi:

> »1) Il-kirja hija b'effett mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena kurrenti (01.01.2010), u tali kirja qiegħda tiġi konċessa *vita naturale durante* tal-kerrejja, konġuntivament u suċċessivament bejniethom u *cioè* sal-data tal-mewt taż-żewġ mizzewġin Muscat.
>
> »… … …
>
> »3) Bil-kera ta' disa' mija u tmienja u sebgħin euro u tlieta u tletin ċenteżim (€978.33c) fis-sena, liema ammont huwa reviddibli kull tliet (3) snin u dana a bażi tar-rata tal-inflazzjoni *ai termini* tal-Att numru għaxra tas-sena elfejn u disgħa (Att Nru X tal-2009) … … … u pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem b'effett mill-ewwel ta' Jannar tas-sena kurrenti (01.01.2010).«

3. Billi dehrilhom illi dan huwa bi ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrent l-operazzjonijiet tal-artikolu 12, partikolarment l-artikolu 12(2), tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979, u bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokażżjoni lill-intimati Muscat u jirrenduha impossibli lir-rikorrenti li jirriprendu l-pussess tal-proprjetà tagħhom;

2. konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi qed jiġu vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom … … … bi vjolazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u b'hekk tagħtihom ir-rimedji li jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni;

»3. tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 li ma kreawx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dak tal-inkwilin, *stante* illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà in kwistjoni *ai termini* tal-Konvenzjoni Ewropea;

»4. tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti;

»5. tikkundanna lill-intimati jħallsu l-istess kumpens u danni likwidati.«

4. L-atturi ippreċiżaw ukoll illi "l-kawża odjerna qiegħda tiġi limitata għall-effetti tagħha sat-3 ta' Diċembru 2017".

5. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti kif ġej, billi tiddikjara illi fil-konfront tar-rikorrenti l-artikolu 12 partikolarment l-artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 u bl-operat tal-liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni lill-intimati Muscat u jirrenduha impossibli lir-rikorrenti li jirriprendu l-pussess tal-proprjetà tagħhom.

»Tilqa' limitatament it-tieni talba u għalhekk tiddikjara li qed jiġu vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom … … … bi vjolazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap 319. tal-Liġijiet ta' Malta).

»Tilqa' it-tielet talba kif ġej, u tordna li l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 li ma kkreawx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dak tal-inkwilin, *stante* li ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà in kwistjoni *ai termini* tal-Konvenzjoni Ewropea.

»Tilqa' r-raba' talba kif ġej: tiddikjara li l-kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji sofferti mir-rikorrenti *ai termini* tal-Konvenzjoni Ewropea huwa fl-ammont ta' sittin elf euro (€60,000).

»Tilqa' l-ħames talba kif ġej: tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas il-kumpens likwidat fl-ammont ta' sittin elf euro (€60,000).

»L-ispejjeż tar-rikorrenti għall-proċeduri odjerni, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 9 ta' Novembru 2018 … … … għandhom ikunu a kariku tal-Avukat tal-Istat għajr għal dawk tal-intimati Muscat illi għandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti.«

6. Safejn relevanti għal dan l-appell, ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»32. Fir-risposta tiegħu l-Avukat tal-Istat sostna li m'hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali ta' proprjetà *ai termini* tal-Kap 158, li għandu bħala skop li jikkontrolla l-użu tal-proprjetà. Fir-risposta tiegħu u fis-sottomissjonijiet, l-Avukat tal-Istat issottometta li m'hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem stante li Martha Grixti daħlet fi ftehim lokatizzju mal-intimati b'mod volontarju, u l-ewwel kundizzjoni imsemmija fil-kuntratt kienet tgħid proprju li "l-kirja qiegħda tiġi konċessa *vita naturale durante* tal-kerreja, konġuntivament u suċċessivament bejniethom u *cioè* sad-data tal-mewt taż-żewġ miżżewġin Muscat".

»33. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat jissottolinea li l-artikolu 12 tal-Kap. 158 ma jagħmilhiex impossibli li jerġgħu jieħdu l-fond. Fl-istess sottomissjonijiet, issir referenza wkoll għall-każ <u>Marthese Said *v.* Arthur Vella *et*</u> deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2020, fejn ġie ritenut li mhuwiex impossibli li s-sid jirriprendi l-pussess tal-proprjetà, iżda l-Kap 158 jagħmilha diffiċli u ħaġa x'aktarx inċerta għall-atturi li jieħdu lura l-fond.

»34. Madankollu, fil-fehma ta' din il-qorti, anke minn din id-diċitura tal-kliem, fejn huwa ribadit li mhuwiex impossibli iżda diffiċli li s-sid jirriprendi l-pussess, ma jistax jingħad li m'hemmx leżjoni tad-drittijiet ta' proprjetà.

»… … …

»51. Il-pretensjoni għad-danni pekunjarji għall-okkupazzjoni, kif ukoll danni non-pekunjarji għal leżjoni sofferti mir-rikorrenti, għalhekk hija mistħoqqa li tiġi kkunsidrata minn din il-qorti.

»… … …

53. Il-qorti tosserva … … … illi fil-kalkolu tal-kumpens illi huwa dovut għal-leżjoni tat-tip kontemplat permezz ta' l-azzjoni odjerna hija ta' benefiċċju għall-parti li jkun regola ċara u sempliċi dwar kif il-qorti tasal għal tali kumpens.

»54. Il-qorti kif ippreseduta temmen li huwa fl-aħjar interess tal-ġustizzja u tal-partijiet kollha li jkun regola ċara u sempliċi li abbażi tagħha wara li tkun qiset li l-elementi kollha fuq ġà msemmija lkoll

jirriżultaw, il-qorti tasal biex tiffissa l-kumpens, u tħoss illi tali regola għandha tkun ta' kumpens ekwivalenti ħamsin fil-mija (50%) tal-valur medju lokatizzju tul il-perjodu kollu fejn ir-rikorrenti ġew imċaħħda mill-proprjetà.

»55. Jirriżulta, mir-rapport tal-perit tekniku tal-qorti u l-valuri minnha stabbiliti u indikati f'paragrafu 20 aktar 'il fuq[1], illi bejn is-sena 1990 u is-sena 2020, il-qligħ previst li setgħu jipperċepixxu ipotetikament ir-rikorrenti kien jammonta għal madwar €125,590, ekwivalenti għal ftit aktar minn €4,000 fis-sena bħala valur medju lokatizzju.

»56. Jirriżulta, għalhekk, illi għandu jkun hemm kumpens ta' elfejn Euro (€2,000) għal kull sena illi fiha tali leżjoni kienet ċarament ikkawżata fil-konfront tar-rikorrenti. Tali somma ċertament tinkorpora fiha l-element punittiv fuq min jonqos mid-drittijiet tiegħu, l-element eżemplari fejn jidher ċar u inekwivoku il-konsegwenza ta' tali nuqqas u finalment l-element effettiv fejn ir-rikorrenti jingħataw kumpens effettiv u mistħoqq.

»57. Tenut kont tal-fatt li mill-1990, għal tletin sena sħaħ, ir-rikorrenti kienu spussessati mil-proprjetà tagħhom mingħajr ebda kumpens, il-qorti tqis illi l-kumpens li r-rikorrenti għandhom jingħataw għan-nuqqas fil-konfront tagħhom għandu jkun ekwivalenti għal sittin elf euro (€60,000) għas-snin kollha fejn id-drittijiet tar-rikorrenti ġew leżi.

»58. Il-qorti tqis illi tali somma hija waħda ġusta u meritevoli, tenut kont tal-valur lokatizju tal-proprjetà, tal-fatt li ma jirriżultax ippruvat li l-intimati kellhom xi proprjetà oħra fil-pussess tagħhom u, fl-aħħar nett, tal-fatt illi fi tmiem il-kirja l-intimati qablu li l-proprjetà kellha tirreverti lura lir-rikorrenti.«

7. L-Avukat tal-Istat appella b'rikors tad-9 ta' Frar 2021 u talab illi din il-qorti:

»… … … tirriforma s-sentenza … mogħtija fil-21 ta' Jannar 2021 billi

»tħassarha … … … safejn qalet illi huwa impossibli li r-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-proprjetà tagħhom; u

»tħassarha … fil-kapijiet fejn illikwidat u kkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas lis-sidien appellati kumpens fl-ammont ta' €60,000 bħal sentenzi oħra ta' dan it-tip.

---

1 »Il-valur lokatizju ġie stabbilit kif ġej:

»a. fl-1990 kien ta' €1,647 fis-sena,
»b. fl-1995 kien ta' €2,236 fis-sena,
»ċ. fl-2000 kien ta' €2,655 fis-sena,
»d. fl-2005 kien ta' €3,075 fis-sena,
»e. fl-2010 kien ta' €3,500 fis-sena,
»f. fl-2015 kien ta' €4,305 fis-sena,
»g. fl-2018 kien ta' €7,700 fis-sena.«

»Bl-ispejjeż … … …«

8. L-atturi wieġbu fis-16 ta' Frar 2012.

9. L-ewwel aggravju tal-appell ġie mfisser hekk:

> »L-ewwel aggravju jirrelata mad-dikjarazzjoni tal-ewwel qorti safejn din qalet: "u bl-operat tal-liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni lill-intimati Muscat u jirrenduha impossibli lir-rikorrenti li jirriprendu l-pussess tal-proprjetà tagħhom";
>
> »Illi l-esponent iħossu aggravat bil-fatt li l-ewwel qorti rriteniet li huwa impossibli għall-appellati jirriprendu lura l-pussess tal-proprjetà u dan għaliex hemm diversi modi kif din il-proprjetà tmur lura għand is-sidien, kif fil-fatt jista' jiġri b'azzjoni *ai termini* tal-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u anke wara l-mewt tal-inkwilini;
>
> »Illi l-Qorti Kostituzzjonali, f'sentenza ta' nhar is-27 ta' Marzu 2020 fl-ismijiet <u>Matthew Said *et v.* Arthur Vella *et*</u> (rik. kost. 11/2019) irriteniet:
>
>> »"Huwa minnu illi, ukoll taħt l-art. 12 tat-Kap. 158, u bla ma tqis ukoll l-art. 12B, ma kienx għal kollox impossibbli li s-sid jieħu lura l-proprjetà, għalkemm kien x'aktarx diffiċli u kien hemm inċertezza dwar meta. Għalhekk kien ikun aħjar li kieku, flak esprimiet ruħha f'termini assoluti ta' impossibilità, l-ewwel qorti esprimiet ruħha f'termini aktar relativi.
>>
>> »"Għalhekk l-aggravju sejjer jintlaqa' fis-sens illi l-parti tas-sentenza appellata fejn jingħad 'li jagħmilha impossibbli għar-rikorrenti li jirriprendu pussess tal-proprjetà tagħhom', tinbidel hekk: 'li jagħmilha diffiċli u ħaġa x'aktarx inċerta għall-atturi li jieħdu lura l-pussess tal-proprjetà tagħhom'."«

10. Sentenza f'kawża bħal dik tallum tkun imsejsa fuq il-fatti partikolari tal-każ u mhux fuq konsiderazzjonijiet astratti. Fil-każ tallum il-konvenuti Muscat baqgħu jżommu l-proprjetà tal-atturi bis-saħħa tal-art. 12 tal-Kap.158 sal-2010, għax wara l-2010 bdew iżommu l-proprjetà bis-saħħa ta' ftehim mas-sidien. Dan il-ftehim sara fid-9 ta' Settembru 2010, jiġifieri wara l-1 ta' Jannar 2010, u għalhekk il-kirja "għandha

tkun regolata esklussivament bil-kuntratt ta' kera u bl-artikoli" tal-Kodiċi Ċivili[2] u mhux ukoll bil-Kap. 158.

11. Tassew illi, sakemm il-kirja kienet tiġġedded bis-saħħa tal-Kap. 158, kienet, kif ingħad fis-sentenza ċitata mill-appellant, ħaġa inċerta meta s-sidien setgħu jieħdu lura l-proprjetà, iżda ma setax jingħad li kienet għalkollox impossibbli, u għalhekk kien ikun aktar xieraq li kieku l-ewwel qorti ma esprimietx ruħha f'termini daqshekk assoluti. Wara l-2010, iżda, dan ma baqax il-każ, għax il-kirja ma baqgħetx tiġġedded bis-saħħa tal-liġi iżda saret limitata fiż-żmien sakemm jibqgħu ħajjin il-konvenuti Muscat, għalkemm fil-fatt dawn temmew il-kirja qabel, u raddew il-pussess lis-sidien.

12. Huwa minnu li x'aktarx meta daħlu fil-ftehim tad-9 ta' Settembru 2010 l-atturi ma kinux għalkollox ħielsa, billi kienu kondizzjonati bil-fatt li l-kirja kienet kontrollata taħt il-Kap. 158 u għalhekk is-setgħa ta' negozjar tagħhom kienet xi ftit jew wisq limitata. Jibqa' l-fatt iżda li l-kirja ma baqgħetx aktar soġġetta għall-Kap. 158 u ma setax aktar jingħad illi kien minħabba f'dik il-liġi li kien diffiċli għall-atturi li jieħdu ħwejjiġhom lura.

13. L-aggravju għalhekk għandu jintlaqa' fis-sens li titħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jingħad illi "l-liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni lill-intimati Muscat u jirrenduha impossibbli lir-

[2] Kod. Ċiv. art. 1531A(3).

rikorrenti li jirriprendu l-pussess tal-proprjetà tagħhom", u jingħad, minflok, illi sakemm il-kirja kienet regolata bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 kienet ħaġa diffiċli u x'aktarx inċerta għall-atturi li jieħdu lura l-pussess tal-proprjetà tagħhom, u dan x'aktarx xekkel il-libertà tagħhom fin-negozjar tal-kondizzjonijiet tal-kirja tad-9 ta' Settembru 2010.

14. It-tieni aggravju jolqot il-*quantum* tal-kumpens. L-Avukat tal-Istat huwa tal-fehma illi l-kumpens kellu jkun ferm anqas mis-sittin elf euro (€60,000) mogħti mill-ewwel qorti.

15. Jingħad qabel xejn illi l-atturi espressament iddikjaraw, fir-rikors li bih inbdiet il-kawża, illi "l-kawża odjerna qiegħda tiġi limitata għall-effetti tagħha sat-3 ta' Diċembru 2017". Għalhekk, safejn l-ewwel qorti tat kumpens għas-snin bejn l-2018 u l-2020, dan kien *ultra petita*.

16. Għalkemm din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi jkun utli li l-kejl tal-kumpens ikun wieħed prevedibbli, u taqbel ukoll li, fil-każ ta' kirjiet residenzjali, għandu joqrob lejn ħamsin fil-mija (50%) tal-kera li s-sid kien idaħħal fis-suq ħieles, sabiex jittieħed qies tal-għan soċjali tal-liġi u ta' kontinġenzi oħra li jistgħu jinqalgħu matul iż-żmien tal-kiri jekk dan ikun fit-tul, madankollu kull każ għandu jitqies fuq il-meritu partikolari tiegħu. Trid tqis ukoll illi kirjiet residenzjali mhux bilfors isiru għal żmien ta' sena, u għalhekk, ukoll bi ftehim ħieles, x'aktarx illi l-kera mhux sejjer jiżdied kull sena.

17. Naturalment ukoll, għandu jittieħed qies tal-kera li fil-fatt idaħħal, jew seta', taħt il-liġi, idaħħal, is-sid, li għandu jitnaqqas mill-ammont likwidat bħala kumpens.

18. Fil-każ tallum il-kera xieraq, kif likwidat mill-perit maħtur mill-ewwel qorti, jista' jitqies li kien kif muri fit-tieni kolonna fl-Iskeda A (li hija mehmuża ma' din is-sentenza biex titqies parti minnha), waqt li l-kera li fil-fatt daħħlu, jew setgħu daħħlu, is-sidien hija murija fit-tielet kolonna tal-istess Skeda A. Id-differenza hija ta' ftit anqas minn tnejn u ħamsin elf u mitejn u erbgħin euro (€54,240). Jekk isir tnaqqis ta' tletin fil-mija (30%) minħabba l-għan soċjali tal-liġi u tnaqqis ieħor ta' għoxrin fil-mija (20%) minħabba kontinġenzi, li hu wkoll kompatibbli mal-linji gwida rakkomandati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' <u>Cauchi *v.* Malta</u>[3], id-danni materjali jiġu madwar tletin elf euro (€30,000). Ma' dawn jiżdiedu ħamest elef euro (€5,000) bħala danni morali. Kontra dak li qalet l-ewwel qorti, id-danni morali ma humiex maħsuba li jkunu punitivi iżda biex ipattu għall-inċertezza u l-frustrazzjoni li jbatu s-sidien.

19. B'kollox għalhekk id-danni materjali u morali jiġu ħamsa u tletin elf euro (€35,000). Dan l-aggravju wkoll għalhekk jixraq li jintlaqa'.

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata:

[3] <u>Cauchi *v.* Malta</u>, rik. nº 14013/19, 25 ta' Marzu 2021.

i. tħassarha fejn qalet illi "l-liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni lill-intimati Muscat u jirrenduha impossibbli lir-rikorrenti li jirriprendu l-pussess tal-proprjetà tagħhom", u tgħid, minflok, illi sakemm il-kirja kienet regolata bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 kienet ħaġa diffiċli u x'aktarx inċerta għall-atturi li jieħdu lura l-pussess tal-proprjetà tagħhom, u dan x'aktarx xekkel il-libertà tagħhom fin-negozjar tal-kondizzjonijiet tal-kirja tad-9 ta' Settembru 2010;

ii. tħassarha fejn illikwidat danni fis-somma ta' sittin elf euro (€60,000), u ikkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas id-danni hekk likwidati, u, minflok, tillikwida d-danni materjali u morali fis-somma ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati; u

iii. tikkonfermaha fil-bqija.

21. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm

## Skeda A

Skeda A qed tiġi annessa sabiex tifforma parti integrali minn din is-sentenza odjerna.

**Skeda A**

| | Kera fis-suq | Kera attwali | Indiċi ta' inflazzjoni |
|---|---|---|---|
| | € | € | |
| 1990 | 274.50 | 652.22 | 456.61 |
| 1991 | 1,647.00 | 652.22 | |
| 1992 | 1,647.00 | 652.22 | |
| 1993 | 1,647.00 | 652.22 | |
| 1994 | 1,647.00 | 652.22 | |
| 1995 | 2,236.00 | 652.22 | |
| 1996 | 2,236.00 | 652.22 | |
| 1997 | 2,236.00 | 652.22 | |
| 1998 | 2,236.00 | 652.22 | |
| 1999 | 2,236.00 | 652.22 | |
| 2000 | 2,655.00 | 652.22 | |
| 2001 | 2,655.00 | 652.22 | |
| 2002 | 2,655.00 | 652.22 | |
| 2003 | 2,655.00 | 652.22 | |
| 2004 | 2,655.00 | 652.22 | |
| 2005 | 3,075.00 | 978.29 | 684.88 |
| 2006 | 3,075.00 | 978.00 | |
| 2007 | 3,075.00 | 978.00 | |
| 2008 | 3,075.00 | 978.00 | |
| 2009 | 3,075.00 | 978.00 | |
| 2010 | 3,500.00 | 978.33 | 770.07 |
| 2011 | 3,500.00 | 978.33 | |
| 2012 | 3,500.00 | 978.33 | |
| 2013 | 3,500.00 | 1,043.47 | 821.34 |
| 2014 | 3,500.00 | 1,043.47 | |
| 2015 | 4,305.00 | 1,043.47 | |
| 2016 | 4,305.00 | 1,065.00 | 838.29 |
| 2017 | 4,305.00 | 1,065.00 | |
| | 77,107.50 | 22,869.05 | |
| Differenza | | 54,238.45 | |

N.B. Il-kera xieraq għall-1990 huwa għal xahrejn billi ċ-ċens għalaq fl-1 ta' Novembru 1990

Deputat Reġistratur
rm